MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru. 916/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Paul Grech bin Anthony u Sylvia nee' Mizzi, imwieled fil-25 ta' Novembru, 1973 u residenti Ta' Xangura, Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 25273(G)**

**Carmel Farrugia bin Victor u Maria nee' Borg, imwieled fit-12 ta' Novembru 1955 u residenti 7, Farrug, Triq F.S. Caruana, Birkirkara, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 786455(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Paul Grech u Carmel Farrugia li gew akkuzati talli nhar is-27 ta'

Novembru 2006 ghal habta ta' 08:45hrs fl-inhawi ta' l-Ghadira ta' San Rafflu, limiti ta' Kercem, Ghawdex:-

1. ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur (pluviera) liema ghasfur hu protett taht dwawn ir-regolamenti, jekk mhux skond il-kundizzjoni ta' kull licenzja li tinghata tahta u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 Art 4(a), A.L. 187/2006 Art 3(c)

2. hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur (pluviera) b'mansab mekkanizzat mhux tradizzjonali bi xbiek twil circa 118 piedi b'hekk iwal minn 45 pied. A.L. 79/2006 Art 8(1)

3. fl-istess cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed inkarigat minn dik l-awtorita jew servizz pubbliku (Art 338 ee Kap 9)

4. Paul Grech I.D. 25278(G) wahdu akkuzat talli sar recidiv fuq sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) moghtija mill-Magt. Dr. C. Scerri Herrera LL.D nhar it-23 ta' Marzu 2006

5. Carmelo Farrugia I.D. 786455 (M) wahdu akkuzat talli fl-istess cirkostanzi kkonfoffa, ittanta jew ghen, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluz ordni legittima moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawk ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti A.L. 79/2006 Art 27(1)(d)

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra l-piena applikabbli mill-Ligi tordna lill-imputati biex inehhu x-xbiek u affarijiet mekkanici f'perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq.

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebieti,

Ikkunsidrat illi mill-provi ma irrizultax b'mod car jekk l-imputati fil-fatt kenux qeghdin jonsbu dak in-nhar illi il-

pulizija marru fuq il-post. Illi del resto jirrizulta illi ghalkemm f'dak iz-zmnien kien illegali li wiehed jonsob ghal pluviera, izda ma kienx illegali illi wiehed jikkaccja ghall-istess.

Wara li rat l-artikoli 4(a), 27(1)(d), 8(1) ta' l-Avviz Legali 79 ta'l-2006 u l-artikoli 3(c) ta'l-Avviz Legali 187 tas-sena 2006 u l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq l-ewwel akkuza qieghda tillibera lill-imputati stante illi l-akkuza ma tirrizultax skond il-ligi;

Fuq it-tieni akkuza tillibera lill-imputati minn dina l-akkuza fuq nuqqas ta' provi

Fuq it-tielet akkuza tillibera ukoll lill-imputati minn din l-akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Fuq ir-raba akkuza , ma tirrizultax u ghalhekk tillibera lill-imputat Paul Grech minn dina l-akkuza

Fuq il-hames akkuza, tillibera lill-imputat Carmel Farrugia minn dina l-akkuza fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------